# Ċentru Antida

The Reception Centre of the
St Jeanne Antide Foundation - SJAF

**SJA FOUNDATION**
Reception Centre
51, Tarxien Road
Tarxien TXN1090
Reception Desk Tel. 2767 2367/21808981
Email: miriam.sjaf@gmail.com

***Monthly Newsletter – Issue No. 10 April 2008***

## *"Be still, and know that I am God"* - Psalm 46

Min, bħal kważi kulħadd, ikun mimli bih innifsu, l-Ispirtu s-Santu kif jagħmel biex isib post fejn jiżbokka fih? Fi kliem Ġesù fil-Vanġelu, u f'imkejjen oħra fil-Bibbja, hemm bosta ħjiel ta' fond jew għoli bla qies, imdawwal, kożmiku, divin. Dan il-post fond u wiesa' jinstab issa u hawn, iżda lilhinn mill-"jien" falz, jew mill-"jien" tas-soltu, jew mill-ego. Fin-natura, u fir-relazzjonijiet tagħna ma' ħaddieħor, wesgħat bħal dan jistennewna. X'ħasra , x'ħela, xi traġedja jekk "nibqgħu mejtin" billi inħallu dawn il-wesgħat mgħottijin għal kollox sakemm immutu!



L-Ispirtu s-Santu, jekk nagħtuh permess, dejjem lest iwassal lil kull bniedem lilhinn mir-ritratt tiegħu innifsu u lejn in-nifs ta' Alla fih. Ma' min tiltaqa', fuq it-triq lejn Emmaus? X'inhu dak li jiġbdek lejh, fil vjaġġ lejn il-muntanja qaddisa, lejn il-qawmien mill-mewt? Qed inwasslu dawn il-*videos* fit-tama li jservu ta' spirazzjoni u bħala mezz għal grazzja bħal din. Użahom għalik innifsek, għall-familja, ħbieb, grupp ta' talb jew ta' diskussjoni, irtiri, jew fil knisja. U wara li tara wieħed minnhom, ħalli żmien għal ftit ħemda…

Inħolqu sensiliet ta' videos qosra li jippruvaw jiġbdu l-attenzjoni, il-ħars ġewwieni, lejn dan. Għandhom xejra kontemplattiva. Arahom fuq l-internet bil-kompjuter fuq www.EasterSpirit.com , mingħajr ebda ħlas jew reġistrazzjoni. Jew tista' tniżżilhom fuq il-kompjuter tiegħek permezz ta' RealPlayer ver 11 ; u doqqhom meta trid, jew agħmel kopji u qassamhom bla qligħ lil min trid. Jekk ikollok bżonn kwalita' adattata għall-projector, ikteb lill imagine@maltanet.net . Uħud minnhom maħruġin bl-Ingliż ukoll – aqsamhom ma' sħabek f'pajjiżi oħra.

EasterSpirit

Se nkomplu nagħtukom aktar għodda għal ħidma u riflessjoni fi gruppi. Dan ir-riżors hu maqlub għall-Malti mis-sett ta' karti dwar il-Virtujiet minn pubblikazzjoni tal-Virtues Project (www.virtuesproject.com)

*Nora*
*macen.sjaf@gmail.com*

## LI TAĦFER

Li tkun taf taħfer ifisser li tinjora l-iżbalji ta' ħaddieħor u li ma żżommx f'qalbek. Il-maħfra teħlisna minn ħafna tbatija żejda. Biha ninħelsu mit-thewdin fuq weġgħat imgħoddija. Li tkun taf taħfer ma jfissirx li għażla ħażina tqisha tajba iżda li tħalli l-ġenerożità ta' l-ispirtu jitlaqha. Il-maħfra taf tfejjaq offiżi gravi. Kapaċi tagħtina opportunità sabiex nibdew mill-ġdid. Meta naċċettaw il-maħfra Divina nbiddlu ħtija bla sens f'rieda. Li naħfru lilna nfusna jgħinna nimxu 'l quddiem, inkunu lesti nagħmlu affarijiet b'kompassjoni lejna nfusna u b'fidi li kapaċi ninbidlu. Il-maħfra tberraħ il-bieb għat-tama.

**"Il-maħfra ddawwalli l-ispirtu."**

### Il-Prattika tal-Maħfra

1. **Ninjora l-iżbalji.**
2. **Ninħeles mill-weġgħat u riżentimenti.**
3. **Lest li nfejjaq l-imgħoddi.**
4. **Insib post f'qalbi biex nagħti ċans ieħor lil ħaddieħor.**
5. **Nuża' l-ħtija biss bħala sinjal biex ninbidel.**
6. **Naċċetta l-fidwa Divina.**
7. **Għandi l-qawwa li ninbidel għall-aħjar.**

## LI TAGĦDER

Il-mogħdrija hija empatija profonda lejn persuna oħra li qed issofri. Tkun qed tagħder meta tpoġġi lilek innifsek fiż-żarbun ta' persuna li qed ġġarrab dieqa kbira, tifhimha sew, tagħti kasha u tixtieq tgħinha tnaqqas it-tbatija ta' l-isfortuna tagħha. Il-kompassjoni tfur minn qalbek meta twarrab l-ġudizzji u tfittex minnflok li tifhem sew. Il-kompassjoni tgħin lil dak li jkun jħossu li m'huwiex waħdu. Kultant lanqas biss ikunu jixtiequna nsewwulhom l-għawġ. Ikunu jixtiequna biss nisimgħuhom b'mogħdrija sabiex isibu s-saħħa u l-għerf diġà preżenti fihom. Ilkoll kemm aħna neħtieġu l-kompassjoni daqs ħaddieħor. Kemm jekk permezz ta' talba sieket kemm ukoll b'żegħila, il-kompassjoni hi rigal imprezzabbli. Ħalli l-mogħdrija tmisslek u tqanqallek qalbek.

**"Jekk tixtieq li ħaddieħor ikun ferħan, ipprattika l-kompassjoni. Jekk tixtieq li tkun ferħan, ipprattika il-kompassjoni."**
**Id-Dalai Lama**

### Il-Prattika tal-Mogħdrija

1. **Nintebaħ meta xi ħadd iħossu mweġġa' jew għandu bżonn ħabib.**
2. **Inħoss u nagħraf id-dieqa f'ħaddieħor.**
3. **Insib ħin biex ngħin lil min hu fil-bżonn.**
4. **Nisma' b'qalbi u ruħi għax tassew nagħti kas.**
5. **Ma niġġudikax lil dak li jkun.**
6. **Nagħder lili nnifsi.**

# NEWS UPDATE

## Teams of the Reception Centre Projects

### *Friendship Group*

During these past two months, I witnessed first hand, how lonely and needy can some people be, and how important it is that such people be assisted and helped in whatever ways possible.

A couple of months ago, we were asked to befriend an elderly lady from Mosta, who lived on her own, and offer our assistance.

During our first encounter, Joan and myself discovered that this lady was not only living on her own, and having no relative, but she was almost immobile. Moreover, the place she lives in was beyond description. Her two rooms were practically cluttered with bits and pieces, which in turn were covered in thick, black cobwebs. The overall smell was unbearable too. Both of us agreed that this lady needed our immediate assistance. Apart from applying to get Nurse Aid and Home Help, we knew that it is our duty first of all as Christians and secondly as committed members of the Friendship Team, to keep contact and show her that someone cares.

Sr. Dositea immediately offered to accompany us to help clean and medicate this lady's feet. Even though Sr. Dositea is quite accustomed to assist others with similar needs, she too was taken aback at the situation in which this person is living.

Over these past weeks, I visited her a number of times. During my last visit, I went prepared to organise her residence, as much as possible. It wasn't easy at all, I can guarantee that. I found myself shuddering at the thought of cleaning her toilet, and ridding her kitchen of masses upon masses of cobwebs. However, as I constantly prayed for Our Lady's Intervention, and Mother Theresa's persistence, I found the courage to overcome this sense of disgust. I was continually repeating our Lord's prayer "Whatever you do unto these, you will be doing it to ME"! In fact, at the end of it, it was ok!! I was glad to notice that this lady was not just happy at seeing her place somewhat cleaner, but she was overjoyed she had someone to talk to for a couple of hours at a stretch. That was the best reward one could receive.

*Caroline*

Co-ordinator

### *Homework Club*

The month of April, for the Homework Club, was tranquil sort of month. Our new service users are getting used to us, and the feed-back we get from the parents is very positive.

Sister Rose now has a waiting list, which we try to catch up with. We have a little boy seeking our services, but we still cannot come to a con-promise, about the time he can attend. According to his mother Friday is his busy day with two afterschool activities, and our "free tutor" can only make it on a Friday. This is a problem that we hope to tackle.

Nora Macelli will be meeting the group on Tuesday, 22nd April at 6.30pm at the centre. We are all looking forward to this meeting, such meetings are beneficial to everybody. The more we get to know each other the more the team spirit can function.

I want to finish with a special word of thanks to Miriam and all those involved in producing this newsletter. It is truly proving a sound link between the various units working within the centre.

*Jessie*

Homework Team Coordinator.



*Visit our NEW Website:*

*www.antidemalta.com*

## Social Worker

Fil-ħidma soċjali li nwettaq, niltaqa' ma' ħafna ostakli u diffikultjiet. Per eżempju hemm min, minkejja li jaqtagħulu saqajh, jibqa' jsostni l-vizzju li wasslu fejn waslu. Noffru servizzi biex il-bniedem jista' jizviluppa aktar imma l-appoġġ jiġ rifjutat. Ssib min jonqos li jattendi l-appuntamenti mal-psikjatra meta huwa fil-bżonn ta' kura. Hawn nuqqas ta' voluntiera adatti li jistgħu joffru servizz għal xi bżonn li jinħoloq. Fl-istess waqt in-nies jiltaqgħu ukoll ma' diversi problemi bħal meta l-ħaddiem soċjali jitlob xi servizz minn xi dipartimenti bħal ma hu l-Housing u ma jingħatax post alternattiv, għal min għandu kamra waħda b'erbat itfal jew dar żgħira flok dik kbira għal koppja anzjana. Kemm hu diffiċli biex idaħħal xi persuna anzjana ġo dar residenzjali meta hemm *waiting list* u tara li l-bniedem ma jistax jgħix fid-dar tiegħu. Meta jkun hemm vjolenza ġod-dar, mhux faċli ssib shelter għal mara u t-tfal għax il-postijiet huma limitati. F'dawn l-okkażjonijiet trid tibqa' ssus permezz ta' telefonati u ittri u tagħmel minn kollox.

Il-każijiet jiġu rreferuti bħal ma għidt drabi oħra, mill-kappillani tal-parroċċi tal-madwar u minn diversi aġenziji ta' ħaddiema soċjali. Dan l-aħħar xahar kellna xi referrals mill-CommCare tad-Divizjoni tas-Saħħa, li huma nurses li jaħdmu fil-komunità biex jaraw il-bżonnijiet tan-nies. Lilna s'issa irreferewlna 3 każijiet minn Sta. Lucia, mill-Kalkara u minn Ħal-Balzan.

Dan ta' hawn taħt huwa xi tagħrif biex wieħed ikollu idea tal-każijiet.

***Quantitative overview***:

**KAZIJIET 2007 & 2008**

| **2007** | | | **2008** | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Ġodda | Magħluqa | Attivi | Attivi minn 07 | Ġodda | Magħluqa | Qed jingħata appoġġ mill-voluntieri | Għad irridu noffru appoġġ | Miftuħin | Reqdin |
| 107 | 38 | 69 | 69 | 54 | 19 | 31 | 3 | 26 | 42 |

Dawn in-numri kif intom tafu huma nies li ħafna drabi huma mweġġħin u hemm oħrajn li qed jagħmlu mixja biex itejbu jew jiżviluppaw is-sitwazzjoni tagħhom. Iċ-ċentru huwa dejjem miftuħ biex jilqa' lil min ifittes l-għajnuna. J'Alla l-Mulej ikompli sat-tmien din l-opra tiegħu u jwettaqha sa l-aħħar.

*Sr. Rose*

## Aħbarijiet mill-Fondazzjoni Santa Giovanna Antida (SJAF)

Il-Fondazzjoni Santa Giovanna Antida hija organizzazzjoni mwaqqfa mis-Sorijiet tal-Karità ta' Santa Giovanna Antida b'kollaborazzjoni ma' lajċi. Titmexxa minn Bord ta' Gvernaturi b'kap eżekuttiv. Twaqqfet wara ristrutturar intern tal-ħidma tas-St Jeanne Antide Welfare Campaign immexxija minn Sr Laura Tanti sa mis-snin sittin.

Fl-għażla ta' inizjattivi pastorali u servizzi li qed toffri u qed tippjana li tiżviluppa fil-ġejjieni, il-Fondazzjoni tixtarr il-linji gwidi li jinsabu fid-dokumenti tas-Sonodu Djoċesan u tibni fuq il-ħidma fejjieda li diġà teżisti waqt li tilmaħ bżonnijiet li m'humiex qed jintlaħqu biżżejjed.

Wieħed mis-servizzi li nbdew f'Jannar ta' din is-sena hu il-***Programme Bridge*** għal ħiliet bażiċi għal żgħażagħ ta' bejn is-17 u t-22 sena b'diffikultajiet ta' żvilupp intellettwali jew li baqgħu lura minħabba mard waqt is-snin kruċjali tal-livell sekondarju. Dan għamilnieh wara li ħaddiema pastorali rreferewlna numru ta' żgħażagħ bħal dawn. Il-programm jinkorpora edukazzjoni ma' taħriġ prattiku li jibni pont mad-dinja tax-xogħol. Kif tafu, id-dokument tas-Sinodu Djoċesan Adoloxxenti u Żgħażagħ jgħid hekk:

*"Huwa fatt magħruf li ħafna b'diżabilità għadhom ibatu minn diskriminazzjoni minħabba l-ħiliet differenti tagħhom. Huwa meħtieġ li l-Knisja tieħu inizjattivi pastorali ġodda biex tgħin lil dawn iż- fl-oqsma edukattivi, soċjali, u billi ġġib 'il quddiem ħolqien ta' xogħol." (p.40, artiklu 55)*

Servizz ieħor siewi li qed ikun offrut hu dak ta' ***Social Work*** ta' natura ġenerika. B'ħidma id f'id mal-parroċċi tal-viċin, qed ikun hemm numru sostanzjali ta' individwi u familji fid-diffikultà riferuti lil dan is-servizz mill-Kappillani u ħaddiema pastorali oħra. Il-mira tal-Fondazzjoni hi li, bil-mod il-mod jiġi estiż dan is-servizz għall-Unità li tinkorpora lil Ħal Tarxien, Santa Luċija, Raħal Ġdid u Ħal Luqa. Numru ta' voluntiera lajċi u Sorijiet tal-Karità ukoll jaħdmu fil-qafas ta' dan is-servizz biex tkun żgurata attenzjoni partikolari lil dawk l-aktar vulnerabbli.

F'Ħal Kikop, inbeda proġett ta' ***Ħidma Komunitarja*** bi żjajjar lil familji fi 3 żoni tal-*Housing* li jinkorporaw 17-il blokk t'appartamenti. Qed tinbena relazzjoni mal-familji sabiex bil-mod il-mod jkunu appoġġjati biex irawmu flimkien sens ta' komunità waqt li jinħolqu opportunitajiet soċjo-edukattivi. F'dan il-kuntest, inbeda *Sunflower Club* – klabb edukattiv għal ġenituri żgħażagħ, u qed jitħejjew attivitajiet oħra.

Inizjattiva li qed tiżvolġi hi appoġġ ***għal adulti b'esperjenza simili*** speċjalment dawk li huma *Carers*. Żewġ inizjattivi f'din il-linja huma dawn: kors għall-familjari ta' persuni b'diżabilità u ħtiġijiet speċjali mibni madwar temi li l-parteċipanti stess stqarrew li jixtiequ jkunu jafu biex ikampaw aħjar ma' l-isfidi komuni tagħhom. Kors ieħor ħa bixra ta' klabb edukattiv. Dan hu l-*Klabb Nannakola* għal nanniet li qed jieħdu ħsieb neputijiet tagħhom fuq bażi regolari. Il-Klabb huwa inizjattiva bi sħab bejn il-Kummissjoni Fidi u Ġustizzja ta' l-Agostinjani f'Ħal Tarxien u l-Fondazzjoni Santa Giovanna Antida. Inizjattivi t'appoġġ oħra se jkunu mmirati lejn adulti b'kundizzjonijiet mediċi simili li jeħtieġu aktar għarfien u ħila fl-immaniġġar tal-kundizzjoni, speċjalment fuq il-post tax-xogħol.

Il-Fondazzjoni fetħet **Ċentru ta' Merħba** f'Ħal-Tarxien fejn dak li jkun jista' jmur għall-informazzjoni, smigħ, u appoġġ. Il-Fondazzjoni bi ħsiebha tixtarr aktar biex tilmaħ u tgħin lil dawk li huma l-aktar imbiegħda mis-sistemi t'appoġġ sabiex tkun mismugħa l-vuċi tagħhom.

***Appell***: Kull min jixtieq jissieħeb mal-Fondazzjoni bħala VOLUNTIER jew bħala SOSTENITUR jista' jikteb email fuq dan l-indirizz: miriam.sjaf@gmail.com jew jasal wasla saċ-Ċentru f'numru 51 Tarxien Road, Tarxien TXN 1090 (Tel. 21808981/ 27672367). Xerrdu dan l-appell jekk jogħġobkom.

www.antidemalta.com

# Mir-rokna tan-Nannakola...



## Kaxxa Krafts

**Għandek bżonn:**

Borża tal-karti

Biċċiet tal-kartonċin

Kolla

Imqass

Kuluri jew markers



Itwi mal- linji biex tifforma ir-ras ta l-annimal.

Immarka fejn ser jigu l-għajnejn u l-imnieħer.

Aqta' par widnejn fil-forma li jidher, par għajnejn bojod u ħabba sewda li tkun ftit iżgħar kif jidher, l-imnieħer abjad b'ċirku iswed fil-ponta, u lsien aħmar li twaħħlu min taħt ġol-ħalq dejjem kif jidher fl-istampa.

Waħħal bil-kolla l-ħabba ta' l-għajn sewda fuq l-abjad tal-għajn u waħħal mal-ġenb ta l-imnieħer fejn hemm il-parti tar ras.





## Dixxiplina Pożittiva man-Neputijiet

Meta tikkoreġi lin-neputijiet żomm f'moħħok:

- ☺ Faħħar lit-tfal u għannaqhom għall-imġieba tajba. Meta tippremja mġieba tajba aħjar milli tikkastiga.
- ☺ Qatt tikkoreġi billi terfa' jdejk.
- ☺ Agħti eżempju tajjeb. It-tfal jitgħallmu billi jimitawk. Agħllem il-manjieri tajba billi tuża l-edukazzjoni. Għid "grazzi" u "jekk jogħġbok" quddiem it-tfal.
- ☺ Kun af dwar imġieba li għandek tistenna f'etajiet differenti. It-tfal taħt is-sentejn jagħmlu 'tantrums'; ta' tliet snin ikollhom ħafna enerġija. Dixxiplina li tuża' mal-kbar mhux neċessarjament taħdem maż-żgħar.
- ☺ Isma' lit-tfal. Irrispetta l-ideat tagħhom u ipprova poġġi lilek innifsek minflokhom.

*Urieth*



## *Community Work F'Ħal Kirkop*

B'fondi mill-Kummissjoni Nazzjonali Familja, il-Fondazzjoni qed twettaq proġett importanti fi tliet żoni tal-Housing f'Ħal Kirkop. Żewġ Community Outreach Workers - Pauline Agius u Claire Farrugia - flimkien mat-Team Leader Nora Macelli, qed jaħdmu sfieq biex irawmu relazzjoni mal-familji li jgħixu f'xi 17-il blokk tas-Social Housing. L-għan hu li jħeġġu l-ħajra għal bini ta' sens ta' komunità u tqarrib tal-familji mal-bqija tal-parroċċa.

Il-Kunsill Lokali offra l-użu taċ-Ċentru Soċjali. Pauline u Claire qed jagħmlu użu ta' dan l-ispazju biex jiltaqgħu ma' familji li jixtiequ jitkellmu magħhom biex jaċċessaw servizzi oħra, għal-laqgħat tal-Klabb Sunflower (Klabb edukattiv għal ġenituri żgħażagħ) u ħolqien ta' gruppi ta' appoġġ oħra. Il-Kunsill offra l-użu ta' kompjuter u telefon u l-Fondazzjoni xtrat riżorsi għall-gruppi ta' appoġġ.

Saru numru ta' laqgħat mal-Kunsill Lokali, mal-Kappillan u l-Kunsill Pastorali Parrokkjali, ma' l-iskola primarja tal-lokal u ma' persuni li huma riżors fil-lokal.

Bħalissa qed jitħejja grupp ta' Drama għal tfal mill-Housing Estate biex itellgħu drama għall-ġenituri fl-iskola stess. Qed issir ħidma biex żgħażagħ żvantaġġjati bla kuntatt mal-parroċċa jiltaqgħu mal-Viċi Kappillan biex jinbeda grupp fil-Housing Estate għax iż-żgħażagħ hekk qed jissuġġerixxu. Qed jitħejja grupp ta' Homework Support għal tfal b'ħafna problemi fit-tagħlim.

Nora, Pauline u Claire qed jappoġġjaw ħafna familji fid-diffikultajiet tagħhom u qed jikkonsultaw ma' professjonisti minn servizzi oħra.

Dan il-proġett huwa sfida kbira u jeħtieġu ħafna riżorsi.

Uħud mill-akbar problemi li qed niltaqgħu magħhom huma dawk ta' saħħa mentali, użura, nuqqas ta' ħila ta' budgeting u tisjir nutrittiv, żgħażagħ bla ħiliet bażiċi, nisa li jħossuhom kontinwament bin-nervi, bla enerġija u qalbhom maqtugħa mill-ħajja, tfal li qed jieħdu ħsieb xi adult fil-familja, diżabilitajiet, u sens li 'tal-housing' m'humiex aċċettati mill-bqija tal-parroċċa.

*Nora*




## Work on the website

**[ ]** **Do you have access to web authoring software such as Front Page or Dreamweaver etc.?**

**[ ]** **Would you like to do some maintenace work on the HTM files used for the Foundation's website?**

**[ ]** **Can you follow clear instructions in English, via email, on such matters?**

If yes, yes, yes, then we need your voluntary services, working maybe two or three hours spread over each week, from your own computer.

*Please contact:*

Miriam on adrmir@onvol.net
Nora on macen.sjaf@gmail.com

## Inizjattiva Ġdida

Bil-mod il-mod qed tinħema inizjattiva ġdida ta' bl-isem *Aħn'Aħwa* favur żgħażagħ fid-diffikultà. Dan is-servizz ta' *Youth Mentoring* se jkollha 3 elementi:

1. Inlaqqgħu adulti li jixtiequ jkunu bħall-aħwa l-kbar ta' żgħażagħ li għandhom bżonn *role model* adult li miegħu jew magħha jistgħu jibnu relazzjoni ta'ħbiberija, joħorġu kultant flimkien, imorru xi mixja, jisimgħu l-mużika, jidħadtu.

2. Inlaqqgħu adulti b'sengħa jew kapaċità partikolari li jixtiequ jgħadduha lil żagħżugħ jew żagħżugħa li hi interessata ħafna tiżviluppa dik it-tip ta' ħila, sengħa jew kompetnza.

3. Inlaqqgħu artisti ma' żgħażagħ li huma mġenna' għall-arti imma li qatt ma kellhom l-opportunità li jiżviluppaw din il-ħila b'mod formali.

*Nora*

Il-Fondazzjoni Santa Giovanna Antida hija waħda mill-għaqdiet membri tal-kunsill tas-Segretarjat tal-Caritas Malta. Waqt laqgħa tal-kunsill ta' nhat is-Sibt, 26 t'April, Nora Macelli ġiet maħtura membru ta l-Eżekuttiv tal-Kunsill.



*Bdejna ngħaddu appell blemail lill-artisti Maltin:*

**INVITATION TO ARTISTS IN MALTA**

We are a team of lay persons and Sisters of Charity sisters, staff and volunteers, who work together to identify and support persons and families whose life circumstances, such as chronic ill-health, loss, communication difficulties, disability, etc, have resulted in isolation. We try to be of support in a creative manner, always looking out for opportunities that may help vulnerable persons unblock obstacles to learning and growth.

We would like to invite you to help us in two ways:

1 **by donating a painting or sculpture that expresses your vision and love of life;**

**and/ or**

2 **by accepting to be an Art Mentor or Art Coach to a person with learning difficulties who loves the visual arts and would like to learn how to draw, paint, sculpt, etc. Such persons thrive through a one-to-one connection with another person that is often missing outside their immediate family.**

Your painting will be put up for auction as a fundraising initiative. Should you so wish, information about your painting or sculpture will be uploaded on our website together with a bio-note.

Your talent will be put to the service of persons who need colour and creativity to brighten up their lives.



# Ċentru Antida

**(Welcome Centre)**

Iċ-Ċentru Antida jilqa' persuni li jħossuhom imdejqa, weħidhom u fid-diffikultà. Huwa post fejn dak li jkun iħossu fis-sigur li jista', b'mod kunfidenzjali, jirrikorri għal informazzjoni u għajnuna f'atmosfera li tilqa' u taċċetta. Huwa post fejn wieħed jista' jsib ħbiberija. Ħaddiema u voluntieri, sorijiet u lajċi, jibnu relazzjonijiet dejjiema ma' dawk li jżuru ċ-Ċentru. Dawn ir-relazzjonijiet ikunu sors ta' qawwa, ħeġġa u tama għal ħajja aħjar. Iċ-Ċentru huwa post fejn jinħolqu opportunitajiet ġodda għall-iżvilupp personali u bini ta' ħiliet għall-ħajja. Permezz taċ-Ċentru, persuni lokali u oħrajn minn postijiet oħra jkunu jistgħu jagħtu kontribut lis-soċjetà permezz ta' ħidma voluntarja b'ispirazzjoni spiritwali.

**Karatteristiċi tal-Voluntieri taċ-ċentru ta' merħba**

- Jemmnu fil-missjoni tal-Fondazzjoni
- Lesti li jaħdmu id f'id għat-twettiq ta' l-għanijiet taċ-Ċentru
- Simpatiċi
- Jafu jagħdru u ma jitħassrux
- Ma jiġġudikawx
- Jafu jisimgħu sew
- Mimlijin b'entużjażmu u jfittxu sfidi ġodda
- Lesti li jitħarrġu u jirriflettu dwar ħidmiethom
- Kawti
- Il-ħajja għallmithom u jħossuhom imqanqla li jgħinu lil ħaddieħor
- Persuni spiritwali li jesprimu din l-ispiritwalità f'ħidma soċjali volontarja
- Altruwisti
- Ċajtiera u ferrieħa.

**Rwoli tal-Voluntieri taċ-Ċentru Antida**

- Jilqgħu lil persuni li jżuru ċ-Ċentru; jistednuhom ipoġġu f'rokna kwieta u joffrulhom te.
- Jekk il-persuna jkollha appuntament, jistednuha tistenna fis-salott sakemm il-ħaddiema konċernata tiġi tiltaqa' magħha.
- Jekk il-persuna m'għandhiex appuntament, jistaqsuha jekk jistgħux jgħinuha huma billi jisimgħuha. Jiżguraw li qabel mal-persuna titlaq, ikun sar qbil dwar follow-up.
- Joffru tagħrif dwar iċ-Ċentru u s-Servizzi tal-Fondazzjoni.
- Jagħtu 'fuljett' dwar il-Fondazzjoni ħalli dak li jkun jifhem aħjar fejn qiegħed u l-kuntest usa'.
- Jakkumpanjaw lis-*Social Worker* fi żjarat lil-familji u fi żjarat ġo żoni partikolari.
- Jaraw li kollow miexi sew waqt l-attivitajiet taċ-Ċentru u jikkoordinaw it-te u l-iżbarazzar ta' wara.
- Jgħinu f'aspetti amministrattivi bħal *typing*, iwieġbu t-telefon u jagħmlu telefonati, xiri t'affarijiet bażiċi, wasla sal-bank u posta, eċċ.
- Jaraw x'naqas u jżommu nota.
- Jagħlqu l-post sew wara li jkunu żguraw il-proċeduri ta' sigurtà.
- Jiddjalogaw minnufih dwar diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom.
- Jipparteċipaw f'taħriġ fi grupp.
- Jistinkaw biex jifhmu sew il-firxa ta' servizzi tal-Fondazzjoni.

**X'għandu x'joffri ċ-Ċentru Antida**

- Atmosfera li tilqa' u ta' paċi
- Smigħ bi spirtu ta' fehma u mogħdrija
- Punt ta' riferiment għal min għandu ħafna intoppi biex jaċċessa servizzi differenti
- Tagħrif dwar servizzi oħra minn fejn tinkiseb għajnuna
- Tagħrif dwar il-gruppi t'appoġġ fiċ-Ċentru stess jew bnadi oħra
- Materjali għad-dar għal min hu fi kriżi (b'diskussjoni mas-Social Worker)
- Appoġġ spiritwali
- Gruppi ta' appoġġ u taħriġ parteċipattiv.
- Aċċess għall-Internet għall-Anzjani u żgħażagħ fid-diffikultà
- Użu ta' kompjuter għal min m'għandux
- Kċina għal te u korsijiet dwar it-tisjir għal familji u koppji vulnerabbli
- Gwida għal min jixtieq jiskopri kif jista' jkompli jitgħallem
- Gruppi għal Crafts għal min iħossu waħdu u *depressed*
- Post fejn wieħed jista' jagħmel ħbieb
- Appoġġ dwar kif tqassam il-flus aħjar

mimli, l-pajsaġġ

saff taħt saff ta' għana tat-tajr, imbiegħed
u qrib.
dis-sinfonija li tnixxi mill-ħafna
tkun leħen il-wieħed ?
il-pajsaġġ, mimli.

minnufih solist isaffar qrib qrib,
ħażda, għageb, tqanqil...
iżda l-leħen miet
f'ħakka t'għajn,
tifkira li tiżvinta
ta' punt taħt il-ħsieb
li dejjem fuq l-aġenda
għax laqgħa wara laqgħa
ma ttellax

il-prinjoli u l-weraq tal-labar
jixxejru, u juru b'subgħajhom
l'hawn, u l-hinn, u kullimkien
ħlief lura
minn fejn ħarġu, jinżammu, w jinsqew.
x'jimporta? xogħolhom
li jidhru, li jieħdu n-nifs,
u li jżidu n-noti mas-sinfonija;
dan jagħmluh tassew,
u bil-fwieħa.

li turi b'subgħajk
jimporta? forsi għalihom le.
il pajsaġġ, mimli.

man-naħal, tikek ta deheb safi ...
qalbi tqalet nara żifnithom bid-daqq,
madwar ward
b'ilwien it-tifkir, u b' tikek tad-deheb.
...żifna tajba toħloq daqqha stess.

iżda jien, jien la niżfen, la nsaffar, u lanqas
jleqqu lwieni fix-xemx. m'inix għeri kif twelidt
u ma niflaħx inqarrab wisq realtà.

ma ndoqqx mas-sinfonija, m'inix biċ-car
id-dehra tal-Wieħed,
u ma nfewwaħx,;
u fuq ix-xwiek: jimporta ?
għalija, iva.

"għal *min*?" dak il-leħen, mill-ġdid.

iż-żmien għadda
b'aktar tisfir
tat-tajr,
u b'inqas ħsiebijiet...
min kien fuq ix-xwiek
ċeda, batta, heda.

fuq ġebla straħet naħla
ħiemda
isma' !
ir-Realtà tlissen,
"Jien Hu dak li Hu"

il-pajsaġġ tassew mimli

tony macelli.

# NILTAQGĦU MAL-VOLUNTIERI

***F'din il-ħarġa ħa niltaqgħu ma' ........***

Ismek u Kunjomok**:** ***Grace Camilleri***

Data tat-twelid: ***13 ta' Novembru 1954***

Fejn Twelidt: ***Ħamrun***

Fejn toqgħod: ***Ħal-Qormi***

Stat: ***Miżżewġa***

Kemm ilek miżżewweġa:
***27 sena***



Isem ir-raġel : ***Silvio***

Tfal: ***Abigail 25 sena,***
***Petra 20 sena u Martha 17-il sena***

Grace Camilleri hija voluntiera oħra attiva. Hija attiva kemm fir-Reception kif ukoll bħala *Tutor* tal-*Budgeting Skills* għaż-żgħażagħ fil-Programm ta' Ħiliet Bażiċi. Nirringrazzjawha talli daħlet għal biċċa xogħol ta' sfida b'sens ta' avventura. Grazzi Grace!

# NEW MEMBERS
## SJA Foundation

Monica Ciantar

Claudio Laferla

Bernard Scicluna

Mary Micallef

Marianne Zammit

**Welcome**

# SJAF Diary

- Il-Fondazzjoni tixtieq tkompli tgħin fil-qadi ta' ħtiġijiet partikolari tal-parroċċi tal-madwar. Permezz ta' djalogu mal-parroċċa ta' Ħal Tarxien, Sr Letizia Coreschi SRN Malta SCM London qed tgħin f'pastoral ta' koppji li dalwaqt se jkollhom tarbija bi tħejjija għal magħmudija. Sr Antoniette Attard qed tgħin fl-amministrazzjoni ta' l-uffiċċju parrokkjali. Il-parroċċa ta' Ħal Tarxien regolarment tirreferi individwi u familji fid-diffikultà lis-servizz tas-Social Work tal-Fondazzjoni.

- **MCAST**: Il-*Basic Skills Unit* ta' l-MCAST qed jgħin lill-Fondazzjoni permezz ta' aċċess għal-Librerija speċjalizzata f'din il-linja, aċċess għall-fotokopjar ta' riżorsi edukattivi, pariri, donazzjoni ta' manwali għat-taħriġ ta' żgħażagħ u adulti b'ħiliet bażiċi dgħajfa u fuq kollox bl-assessments taż-żgħażagħ li qed isegwu il-Programm ta' Ħiliet Bażiċi tal-Fondazzjoni. Grazzi Sur David Muscat, Kap tat-Taqsima ta' Ħiliet Bażiċi ta' l-MCAST tal-appoġġ professjonali li qed tagħtina u grazzi talli dawwart lill-istudenti tagħna mal-Campus ta' l-MCAST!!

- **Mental Health Association**: Is-Sinjura Connie Magro, Presidenta ta' din l-assoċjazzjoni, mexxiet laqgħa ta' taħriġ għall-Community Work Team tal-Fondazzjoni dwar kif għandna naħdmu ma' persuni li jsofru minn problemi ta' saħħa mentali u qrabathom. Grazzi Connie ta' l-appoġġ li tagħtina u tal-pariri li dejjem tajtna bi tbissima u għerf!!

- **Disability/ Learning Difficulties Issues Support Group**: S'issa, bosta professjonisti iltaqgħu mal-parteċipanti ta' dan il-grupp biex jiddiskutu temi identifikati mill-membri stess.

- **Kunsill Parrokkjali Pastorali Ħal Kirkop**: Nora u Pauline Agius iltaqgħu mal-membri tal-KPP Kirkop biex jiddjalogaw dwar il-proġett ta' Community Work fil-Housing Estates tal-lokal. Grazzi tad-diskussjoni twila u mqanqla

- **Kunsill Parrokkjali Pastorali Raħal Ġdid:** Nora u Sr Rose iltaqgħu mal-membri tal-KPP Raħal Ġdid biex jiddjalogaw dwar il-ħidma soċjo-pastorali tal-Fondazzjoni fil-kuntest ta' parroċċa/ lokalità. Il-KPP għandha ma' l-45 membru. Grazzi ta' l-opportunità li tassew apprezzajna biex jinbena pont bejn il-Fondazzjoni u l-parroċċa fi ħdan l-Unità.

- **ETC**: Bħalissa mal-Fondazzjoni hawn żewġ żgħażagħ li qed jagħmlu esperjenza ta' xogħol bħala parti minn żewġ skemi ta' l-ETC. Waħda qiegħda fuq l-iskema Active Youth Scheme u l-oħra fuq il-Job Employment Scheme (JES). L-ewwel biċċa xogħol tagħhom hi li jibdew Librerija għar-Reception Centre. Voluntier Jessie Spiteri u CEO Nora Macelli huma l-Mentors tagħhom. Jaħdmu 20 siegħa fil-ġimgħa u jitħallsu mill-ETC.

- **Staff Training:** Sr Rose Rizzo and Nora Macelli are participating in a course on Mental Health issues organised by the Mental Health Association between April and June. Course sessions are led by mental health care practitioners such as Psychiatrists, Psychologists, Psychiatric Nurses. Weekly 2-hour sessions are held at Boffa Hospital every Friday between 6.30 and 8.30pm.
  Pauline Agius (Community Outreach Worker), Sr Rose Rizzo (Social Worker) and Nora Macelli participated in a Seminar on The Environment and Its Effect on Mental Health organised by the Richmond Foundation at St James Cavalier on the 24th April between 9.00am and 12.30pm.

## Mawra f'Għawdex mill-Grupp Ħbieb ta' Santa Giovanna Antida.

Tlaqna minn quddiem il-kunvent fit-tmienja u nofs ta' filgħodu. Konna ħmistax, bejn lajċi w sorijiet. Għad li it-temp kien imċajpar u bir-riħ, dan ma' naqqas xejn mill-entużjażmu li deher fuq kull wiċċ. Tant hu hekk, li ma' nkwietajna xejn li għal ħames minuti tlifna l-vapur.

Kienet ta' sorpiza għall-biċċa l-kbira tal-grupp li wżajna għal l-ewwel darba t-terminal il-ġdid tal-Imġarr Għawdex. *U x' ma jitkessħux il-membri tal-grupp Għawdxin bin-nisel Għawdxi* !

Tlajna l-Munxar għaċ-ċwievet ta' Marsalforn. Il-ħsieb li nisimgħu l-quddies San Ġorġ, biddilnieh, għax kien qiegħed jiġi iċċelebrat is-Sagrament tal-Grizma. Allura erħejnilha għal Ta' Pinu, fejn smajna l-quddiesa, knisja ppakjata, bl-omelijja għala Għawdxija, qasira, u fiha x'togħmod.

Għal Marsalforn ħadna inqas minn kwarta. Iddeċidejna li ninżlu nieklu fir-resturant ta' taħt il-post, ikla modesta w rilassanti. Mela ma jinzertax li Martin, Marlene, is-sister u t-teacher franċiżi, daħlu jieklu f' dar-resturant. Dawn kienu Għawdex bill-grupp studenti Franzi. Għal daqsxejn ma' kellniex xi ngħidu ma' Martin, għax dan billfors ried iħallas ta' kulħadd!!!!

Mixja max-xatt, u tlajna l-post għall-kafe` u galettina (biex ma niffjakkawx!). Mela aħna u sejrin għand is-sorijiet tal-Munxar, li stednuna għat-te`, ftehmna li ngħamlu ta' bir-ruħna, li għandna l-ġuħ.

Kejk, galettini,te` w kafe`…….imma mhux dan biss. Inġbarna u għamilna daqs tlett kwarti, qsim ta' ħsibijiet. Bdejna fuq il-laqgħa li Sr Wanda għamlet tlett ijiem qabel, u żvolġejna fuq il-volontarjat u x-xogħol li qegħed isir fir-reception group ta' SJA Foundation u anki fid-Dar tal-Providenza, is-Siġġiewi.

Għaddejna ġurnata fejn il-ħbieberija spiritwali u fiżikà reġgħet tkebbset bl' imħabba ta' Santa Giovanna Antida, il-qaddisa tagħna.

*Daniel*






## Ċentru Antida
## Ħinijiet tal-Ftuħ

**April – May – June 2008**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Monday: | 9:00am to 11:00am | Tuesday: | 9:00am to 11:00am | 5:00pm to 7:00pm |
| Wednesday: | 9:00am to 11:00am | Thursday: | 5:00pm to 7:00pm | 5:00pm to 7:00pm |
| | | Friday: | 9:00am to 11:00am | 5:00pm to 7:00pm |

**Correspondence Address**
Ponderosa
Triq l-Ikħal
M'Scala MXK3623
Malta

Tel no. 27636819 email: adrmir@onvol.net